# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar l-5 ta' Ottubru, 2022

Avviz tat-Talba numru: 38/2022 CL

**Veritas Hearing Limited (C90586)**

**VERSUS**

**Pierre Camilleri (0539064M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-2 ta' Frar, 2022 fejn s-socjeta attrici iddikjarat illi kienet bieghat xi strumenti relatati mas-smiegh lil-konvenut li kienu fil-valur ta' tlett elef tlett mija u hamsa u disghin euro (€3395), fejn kien thallas l-ammont ta'€1,200 bhala depozitu filwaqt illi l-komplament kellhom jithallsu fl-ammont ta' €182.92 kull xahar ghal tnax-il xahar. Thallas l-ewwwel pagament ta' €182.92 fis- 6 ta' Awwissu 2021 izda ma sar ebda pagmanet iehor u ghalhekk kien hemm bilanc ta' €2021.08 li kien ghadu pendenti.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher personalment (jew tramite rapprezentant tieghu) ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ra illi l-konvenut kien notifikat fid-9 ta' Frar 2022, izda la resaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu biex issehh kontestazzjoni tat-talba tas-socjeta attrici. Ghalhekk, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti li gew ipprezentati fosthom l-affidavit ta' Mohammed Vaseem li huwa direttur tas-socjeta attrici fejn ikkonferma li l-konvenut kien xtara *hearing aids* minghandhom u hallas depozitu izda naqas li jhallas l-bilanc ta' €2012.08. Ra d-dokumenti annessi mal-affidavit fosthom l-ircevuti, l-ftehiem dwar il-hlas u korrispondenza;

Fl-udjenza tal 4 ta' Lulju 2022, gie ipprezentant kapitolu fil-konfront tal-konvenut. Fis-seduta ta' wara, li kienet fit-28 ta' Settembru 2022, ma deher hadd ghal-konvenut. Peress li l-konvenut naqas milli jirregistra dehera biex jwiegeb ghal tali kapitolu, fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a)Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda.*"

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista' jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal- konvenut*,"

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal ra' l-affidavit tad-direttur u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li gie iddikjarat m'ghandux mis-sewwa u ghalhekk it-Tribunal ma jarax ghalfejn m'ghandux jitwemmen.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta attrici ghandu jigi milqugh.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn u wiehed u ghoxrin euro u tmien centezmi (€2021.08 ) bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tat-talba sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri huma a karigu tal konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**